MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 152/1996/1

**Katerina Caruana**

**vs**

**1. Guzeppa Caruana armla tal-mejjet Salvatore Caruana ghal kull interess li jista' jkollha u Rosaria Bugeja bint Salvatore Caruana, u *stante* l-mewt ta' Guzeppa Caruana fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f'isem l-istess Rosaria Bugeja b'digriet datat 12 ta' Ottubru 2010;**

**2. Antonia Caruana armla minn Vincent Caruana ghal kull interess li jista' jkollha; u Silvio Caruana bin l-istess Antonia Caruana u Vincent Caruana mejjet; u**

**3. Francis Xavier Cassar, Martin Cassar u Emanuel Cassar u *stante* l-mewt ta' Emanuel Cassar l-atti qed jigu trasfuzi f'isem Francis Xavier Cassar, Martin Cassar, Vincent Cassar, u Philip Cassar b'digriet datat 5 ta' Novembru 2004; u Dr. Rachel Spiteri Bonello u l-**

**PL Hilda Ellul Mercer gew nominati b' digriet tas-26 ta' Jannar 1994 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Vincent u Philip li jinsabu imsefrin, dawn ilkoll ahwa Cassar u werrieta tal-mejta ommhom Antonia Cassar; u b'digriet tad-9 ta' Lulju 2004 Martin Cassar u Francis X. Cassar gew awtorizzati jassumu l-atti ghan-nom tal-assenti Philip Cassar; u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2005 Francis Saviour Cassar gie awtorizzat jassumi l-atti u jirrapprezenta lill-assenti Vincent Cassar;**

**4. Salvina Caruana.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 16 ta' Jannar 1996 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici tigi oht ir-Reverendu Joseph Caruana li miet fit-3 ta' Frar 1992 (Dok. "A").

Illi tul hajtu, l-attrici rrendiet servigi u prestazzjonijiet lill-imsemmi Reverendu Joseph Caruana b'mod kontinwu u interrott.

Illi l-immsemmi Reverendu Joseph Caruana miet *"ab intestat"* u dan kif jirrizulta mid-dokument "B" u kwindi wirtuh *ex lege* il-konvenuti u l-attrici.

Illi l-konvenuti ghalhekk, meno s-sehem tal-attrici, huma tenuti li jhallsu lill-istess attrici somma li ghad trid tigi likwidata, rapprezentanti hlas tas-servigi u prestazzjonijiet fuq imsemmija.

Illi *ciononostante* b'ittra tal-14 ta' Jannar 1994 (Dokument "C") il-konvenuti mitluba biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' dawn is-servigi baqghu inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarahom responsabbli ghall-hlas fis-sehem taghhom skont il-ligi, lill-attrici ghas-servigi u prestazzjonijiet rezi lill-mejjet reverendu Joseph Caruana meta kien haj.

2. Tillikwida l-ammont hekk dovut kif fuq inghad, okkorrendo b’opera ta’ pariti nominandi; u

3. Tikkundannahom ihallsu l-ammont hekk likwidat bl-imghaxijiet skont il-ligi.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol. 5 sa 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tal-4 ta’ Lulju 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Guzeppa Caruana armla tal-mejjet Salvatore Caruana ghal kull interess li jista’ jkollha u Rosaria Bugeja bint Salvatore Caruana; Antonia Caruana armla minn Vincent Caruana ghal kull interess li jista’ jkollha, u Silvio Caruana bin l-istess Antonia Caruana u Vincent Caruana mejjet; u Francis Xavier Cassar, Martin Cassar u Emanuel Cassar datata 22 ta’ Mejju 1996 a fol. 15 tal-process fejn gie eccepew:-

1. Illi preliminarjament l-attrici trid tipprova l-kwalita` tal-konvenuti bhala eredi tal-mejjet Reverendu Joseph Caruana.

2. Illi mhux minnu li l-attrici rrendiet s-servigi lir-Reverendu decujus; anzi kien hu li mantniha u rrendilha servigi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Guzeppa Caruana armla tal-mejjet Salvatore Caruana ghal kull interess li jista' jkollha u Rosaria Bugeja bint Salvatore Caruana; Antonia Caruana armla minn Vincent Caruana ghal kull interess li jista' jkollha, u Silvio Caruana bin l-istess Antonia Caruana u Vincent Caruana mejjet; u Francis Xavier Cassar, Martin Cassar u Emanuel Cassar a fol. 17 - 19 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Dr. Rachel Spiteri Bonello u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tas-26 ta' Jannar 1994 bhala kutaruti deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Vincent u Philip ahwa Cassar li jinsabu imsefrin, datata 24 ta' Gunju 1996 a fol 21 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti ta' din il-kawza u qeghdin jirriservaw id-dritt li jresqu l-provi taghhom wara li jaghmlu l-verifiki mehtiega.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-Kuraturi Deputati Dr. Rachel Spiteri Bonello u l-PL Hilda Ellul Mercer a fol 21 tal-process.

Rat li l-konvenuta giet debitament notifikata izda ma pprezentatx l-ebda eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-4 ta' Lulju 1996 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo il-kawza giet differita biex tinstema' quddiem l-Onorevoli Mhallef Frank G Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta' Gunju 1999 (fol 41) l-attrici nformat lill-Qorti illi l-konvenuta Guzeppa Caruana mietet fil-mori tal-kawza. Dr. Ian Farrugia ddikjara illi l-konvenuti huma filfatt u fid-dritt eredi tad-*decujus* Dun Joseph Caruana u ghalhekk irtira l-

ewwel ezzezzjoni tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghal-legittimazzjoni tal-atti.

Rat ir-rikors ta’ Katarina Caruana datat 17 ta’ Dicembru 1999 a fol 48 ta-process fejn talbet li ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju u fejn jirrigwarda lill-konvenuta Guzeppa Caruana f’isem l-eredi taghha Rosina Bugeja li toqghod 18 St. Pius V Street M’ Xlokk, liema rikors gie milqugh b’digriet datat 12 ta’ Ottubru 2010 (fol. 48).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-4 ta’ April 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia biex jisma’ l-provi kollha dwar il-kaz.

Rat in-noti attrici bl-affidavits hemm annessi datati 4 ta’ April 2001 u 13 ta’ Frar 2002, u dik datata 20 ta’ Mejju 2003 fejn giet esebita d-denunzja tad-decujus bhala Dok. “TA 1”.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia u x-xhieda kollha quddiemu prodotta.

Rat li din il-kawza giet differita fis-seduta tal-20 ta’ Marzu 2002 sabiex tinstema’ minn din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mid-data tal-15 ta’ Novembru 2002 sad-data tad-29 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 2 ta’ April 2004 (fol. 93) fejn iddikjaraw li jaqblu mad-deskrizzjoni tal-assi tad-decujus fid-denunzja esebitta izda mhux mal-valuri hemm ndikati (fol. 93).

Rat ir-rikors tal-konvenuti Martin Cassar u Francis Xavier Cassar bhala mandatarji specjali tal-assenti Philip Cassar (fol 94) fejn talbu lill-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tas-26 ta’ Jannar 1994 u

tawtorizza lil Martin Cassar u Francis Saviour Cassar sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Philip Casar tul il-kawza u f'kull att iehor sussegwenti jekk ikun il-kaz u d-digriet datat 9 ta' Lulju 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba (fol. 98).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2004 il-Qorti, wara li rat ir-rikors tal-konvenuti Francis X Saviour u Martin Cassar irrevokat id-digriet taghha tas-26 ta' Jannar 1994 u awtorizzat lill-istess Martin Cassar u Francis X Saviour biex jassumu l-atti ghan-nom tal-assenti Philip Cassar.

Rat ir-rikors ta' Katarina Caruana datata 2 ta' Novembru 2004 (fol 100) fejn stante l-mewt ta' Emanuele Cassar talbet lill-Qorti joghgobha tillegittima l-atti opportuni f'isem Francis Xavier, Martin, Vincent u Philip ahwa Cassar ghal finijiet u effetti tal-ligi; u l-Qorti bid-digriet taghha moghti fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2004 ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuni ndikati fl-istess rikors (fol 102).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' Mejju 2005 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tisma' l-provi kollha li fadlilha l-attrici.

Rat ir-rikors datat 28 ta' Settembru 2005 fejn Francis Xavier Cassar talab li jigi awtorizzat jirrapprezenta lill-assenti Vincent Cassar u l-Qorti b'digriet datat 18 ta' Ottubru 2005 (fol. 121) laqghet it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi u d-dokumenti quddiemha prodotta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta mid-data tal-14 ta' Frar 2006 fejn fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2006 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm zewg seduti fil-mori tad-differiment tal-kawza sabiex isiru l-kontro-ezamijiet kollha relattivi.

Rat l-affidavitsipprezentati mill-konvenuti (Dok. “A” u Dok. “B”) u dawk ipprezentati b’nota datata 9 ta’ Marzu 2007 (fol. 140).

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tas-seduta datata 5 ta’ Frar 2008 fejn gie nnominat Dr. Ian Vella Galea bhala Perit Legali sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea u x-xhieda u dokumenti quddiemu prodotti.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea pprezentat fir-registru fil-11 ta’ Jannar 2010 u mahluf *seduta stante* fil-15 ta’ April 2010 (fol 202).

Rat in-nota tal-attrici datata 22 ta’ April 2010 fejn talbet in-nomina tal-periti perizjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-22 ta’ Gunju 2010 (fol. 224) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Charmaine Galea ghall-attrici li rrinunzjat ghat-talba ta’ periti perizjuri u ssottomettiet li l-ammont ta’ kumpens tas-servigi ghandu jkun madwar ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) u dan abbazi tal-konstatazzjonijiet li ghamel l-istess perit. Dr. Ilona Debono msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2010

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li hija pprestat servigi lil huha r-Reverendu Joseph Caruana li miet fit-3 ta’ Frar 1992 u allura qed titlob li tithallas tal-istess f’ammont li jigi appositament likwidat mill-Qorti. Il-konvenuti eccepew li l-attrici trid tipprova l-kwalita’ tal-konvenuti bhala eredi tal-mejjet Reverendu Joseph Caruana, izda tali eccezzjoni giet irtirata fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 1999 (a fol. 41) u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha; fil-mertu sostnew li mhux minnu li l-attrici pprestat l-imsemmija servigi.

Illi wara li l-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti thoss li gie ppruvat li l-attrici prestat servigi lir-Reverendu Joseph Caruana b’mod kontinwu mill-1945 sal-mewt tieghu fl-1992. Fil-fatt jirrizulta illi l-attrici kienet tahsillu u tghaddilu l-hwejjeg; kienet tnaddaflu u tahsel il-platti; kienet issajjarlu ikel apposta ghalih minghajr melh minhabba li kellu l-pressjoni; kienet tithanlu l-ikel minhabba li kellu problema bi snienu u kienet ittelalu l-ikel fuq.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi l-attrici kienet tqum kmieni filghodu biex taghmillu t-te’ u tlestilu *thermos* u hobz tad-dieta. L-attrici kienet tmur tixtrilu l-ikel kuljum u kienet tixtrilu l-medicini. In effetti jirrizulta wkoll illi l-attrici u r-Reverendu kellhom sistema ta’ qoffa bil-habel sabiex hi taghmillu l-ikel fil-qoffa u hu jkun jista’ jtellghu fuq. Kellhom ukoll sistema ta’ komunikazzjoni permezz ta’ qanpiena, li skont id-daqq, ir-Reverendu kien isejjah lill-attrici u hi kienet taqdi l-bzonnijiet tieghu skont il-kaz.

Illi dan kollu ma giex kontradett mill-konvenuti u fil-fatt il-konvenuti Francis X Cassar, Martin Cassar, u Silvio Caruana, minkejja l-eccezzjonijiet taghhom, ikkonfermaw illi l-attrici kienet issajjar ikel apposta ghar-Reverendu, kienet tidhanlu u ttellalu l-ikel fuq, kienet tahsillu l-hwejjeg u li r-Reverendu kien isejhilha permezz ta’ qanpiena. Il-konvenuta Salvina Caruana stqarret ukoll illi l-attrici kienet

fil-fatt l-unika persuna li hadet hsieb lir-Reverendu u li sahansitra kienet qisha s-seftura tieghu.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet peritali fis-sens li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-attrici rendiet servigi lir-Reverendu Joseph Caruana b’mod kontinwu tul hajtu kif dettaljatment spjegat fir-relazzjoni peritali u kif jirrizulta mix-xhieda kollha ta’ din il-kawza, nkluza dik provduta mill-konvenuti.

Illi jinghad ukoll li l-attrici xehdet ukoll illi hi kienet thallas ghall-ikel, il-medicini u l-bzonnijiet tar-Reverendu minn butha u li r-Reverendu qatt ma ta xi flus u hi qatt ma talbitu w dan minhabba l-fatt illi hu dejjem weghedha illi kien se jhalli gidu kollu lilha. Ghalhekk l-attrici ma kienet thallih nieqes minn xejn. Illi min-naha l-ohra, l-konvenut Francis X Cassar xehed illi r-Reverendu kien ihallasha paga fil-gimgha. Dan il-konvenut xehed illi r-Reverendu kien ihallilha l-ammont ta’ madwar Lm4.50 f’kaxxa, pero’ stqar ukoll illi gie li ra l-flus fil-kaxxa u gie li le u li qatt ma ra lir-Reverendu jaghtiha l-flus f’idejha u qatt ma ra lill-attrici tiehu l-flus mill-kaxxa. Il-konvenut Silvio Caruana xehed illi kien jara l-flus fil-qoffa li kien inizzel ir-Reverendu w li xi drabi sema` lir-Reverendu jindika lill-attrici illi kellha l-flus fil-kaxxa pero’ stqarr ukoll illi ma jafx kemm kienu l-ammonti u ma jafx il-flus ta’ x’hiex kienu.

Illi f’dan is-sens din il-Qorti taqbel ukoll mal-konkluzjonijiet peritali fis-sens li l-konvenuti ma ressqux provi konkluzivi u sodisfacenti sabiex jissostanzjaw l-affermazzjoni taghhom illi r-Reverendu kien imantni lill-attrici jew li kien jirrendilha servigi u din il-Qorti thoss li ma hemm ebda prova tal-hlas allegat minnhom favur l-attrici. B’hekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Guzeppa Caruana armla tal-mejjet Salvatore Caruana ghal kull interess li jista’ jkollha u Rosaria Bugeja bint Salvatore Caruana, Antonia Caruana armla minn Vincent Caruana ghal kull interess li jista’ jkollha, u Silvio Caruana bin l-istess Antonia Caruana u Vincent Caruana mejjet, u Francis Xavier Cassar, Martin Cassar u Emanuel Cassar fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom datata 22 ta’ Mejju 1999 qed tigi michuda. Dwar l-eccezzjonijiet tal-assenti Vincent u Philip Cassar tal-24

ta’ Gunju 1996 ma saru l-ebda provi, fil-waqt li l-konvenuta Salvina Caruana hija kontumaci.

Illi f’dan l-istadju huwa opportun li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **“Guzeppi Borg vs Emanuel Azzopardi”** (P.A. (JRM) – 19 ta’ Mejju 2005) fejn inghad illi:-

*“Huwa stabbilit li l-bazi ta’ azzjoni ghal servizzi moghtija triegi fuq zewg sisien: jigifieri, fuq il-kwazi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta’ dak li jaghmel. Minbarra dan, ilu zmien twil accettat li l-hlas ta’ servigi jista’ jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih.”*

Illi barra minn dan fil-kawza fl-ismijiet **“Sarah Caruana vs Francis Mallia”** (P.A. (RCP) – 25 ta’ April 2002) jinghad li:-

*“llum it-tendenza tidher li hi kif intqal fis-sentenza **“Victoria Azzopardi vs Emanuel Azzopardi”** (24 ta’ Mejju 1989) fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat li hadd m’hu prezunt li ppresta servigi lil haddiehor anke jekk dan ikun familjari u dan minghajr hsieb li jithallas taghhom u fuq dan il-gurisprudenza hija kostanti u unanima. Anke f’**“Mary Grace Attard et vs Rosario Attard”** (13 ta’ Ottubru 1989, Vol. LXXIII.II. 396) intqal: “Illi rigward il-kwistjoni ta’ servigi rezi l-pozizzjoni skond il-gurisprudenza recenti hija li anke rigward dawk prestati minn parenti, il-prezunzjoni hi li ‘kwalunkwe servigi ghandhom jigu ritenuti pprestati bi speranza ta’ kumpens’. Biex taqa’ din il-prezunzjoni jridu jikkonkorru cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita’. L-intenzjoni tal-gratuwita’ u rinunzja ghall-kumpens ghas-servigi ma ghandhomx jigu akkolti facilment” (ara **Giuseppe Deidun vs Emilia Poggi**, Vol. XXXVIII.II. Pg 568).”*

Illi tenut kont ta’ dan kollu, mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici rendiet servigi lir-Reverendu bil-hsieb illi ‘l quddiem hu jhalli gidu kollu lilha. Tant huwa minnu dan, li l-attrici

xehdet illi r-Reverendu kien dejjem jghidilha li mal-mewt tieghu hu se jhalli kollox lilha bhala hlas ghal dak li ghamlet mieghu tul hajjitha u ghalhekk hi nefqet flusha fuqu w ma hallietu nieqes minn xejn.

Illi jibqa' l-kwistjoni ta' kumpens dovut lill-attrici ghal tali servigi resi u hawn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Catania proprio et nomine vs Maria Agius"** (P.A. (TM) – 11 ta' Dicembru 2003) fejn intqal:-

*"Qabel ma din il-Qorti tittratta l-meritu, trid taghmel riferenza ghar-relazzjoni tal-perit legali, partikolarment ghall-paragrafu 16 tar-rapport, fejn il-perit legali osserva li l-preskrizzjoni applikabbli f'kazijiet fejn qed jintalab kumpens ghas-servigi huwa ta' hames snin, u peress li, fil-fehma tieghu, ma sarx rikonoxximent tal-obbligazzjoni da parti tal-konvenuta debitrici, ipproceda biex illimita l-indagini tieghu ghall-ahhar hames snin".*

*"Bir-rispett kollu lejn l-abbli perit legali, din il-Qorti trid tirrimarka li ghalkemm dak sottomess jista jkun minnu guridikament, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma gietx sollevata f'dan il-kaz, u kif inhu maghruf, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mhiex wahda minn dawk li tista' tigi sollevata mill-Qorti ex officio, izda jehtieg li tali eccezzjoni, biex tkun trattata, tigi sollevata formalment – ara "Manche` vs Said", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 2003. Intqal ukoll li biex Qorti tista` tiehu konjizzjoni ta` perjodu ta' preskrizzjoni, trid issir riferenza specifika ghall-artikolu determinat tal-ligi, u mhux lecitu li dik l-eccezzjoni tigi sollevata b'semplici indikazzjoni taz-zmien li allegatament skada minn fuq l-obbligazzjoni – ara "Mizzi vs Bonello" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Gunju, 2003. Il-Qorti, ghalhekk, mhux se tikkunsidra l-materja tal-preskrizzjoni li ma gietx sollevata f'dan il-kaz."*

Illi dan huwa proprju simili ghall-kaz odjern fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkennali ma gietx issollevata mill-konvenuti u ghalhekk l-indagini ta' l-esponenti marret oltre l-ahhar hames snin ta' servigi rezi mill-attrici lir-Reverendu Joseph Caruana.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina nomine"** (P.A. (GV) – 31 ta' Mejju 2002) il-Qorti qalet:-

*"Illi dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, gurisprudenza stabbiliet tlett kriterji li ghandhom jigu addottati sabiex jigi likwidat tali kumpens: (i) il-frekwenza u x-xorta ta' servigi, (ii) il-mezzi tal-konvenuta u (iii) il-parentela ta' min jirrendi s-servigi ma' min juzufruwixxi mill-istess servigi (ara Vassallo vs Aquilina – Prim Awla 29 ta' Gunju, 1982, Cutajar vs Vella – Prim Awla 6 ta' April, 1982, u Buhagiar vs Mifsud – Prim Awla 1 ta' Frar, 1983)."*

Illi inoltre, fil-kawza fl-ismijiet **"Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius"** (P.A. (TM) – 11 ta' Dicembru 2003 fejn giet ritenut li:-

*"Konsiderazzjonijiet ohra li gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom".*

*"Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et vs Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kienet ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha ghand id-de cuius u taghmillha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM 1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta' wara, meta d-de cuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' LM 3 fil-gimgha".*

*"Fil-fatt, minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghal-hlas ta' servigi, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Delicata vs Saliba", deciza fit-22 ta' Mejju, 1989, hi bazata fuq kwazi – kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn minn jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz. Hekk, fil-kawza "Agius vs Galea", gia kwotata, din il-Qorti qalet li, fil-fissazzjoni tal-kumpens, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni wkoll l-istat socjali u ekonomiku tal-beneficcjarju, u ghat-tifla li, ghal diversi snin, kienet iddur b'missierha li kien marid, jghix maghha fid-dar taghha, u jinqeda f'kollox bl-assistenza taghha, il-Qorti llikwidat kumpens ghal-darba wahda biss ta' LM 1,500."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Caterina Coleiro vs Francesca Saveria Balzan et"** (P.A. (DS) – 2 ta' Ottubru 2002) il-Qorti sostniet illi:-

*"Il-Qrati taghna jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-benificcjarju jkun totalment dipendenti fuq persuni ohra, anke ghall-affarijiet l-izjed intimi. Id-decujus, f'dan il-kaz, la kien mixhut f'sodda ghal zmien twil, la kien "house bound" u lanqas kien affett minn xi marda li htieget kura u attenzjoni partikolari."*

Illi jrid jinghad ukoll illi fil-kawza gia citata fl-ismijiet **"Sarah Caruana vs Francis Mallia"** (P.A. (RCP) – 25 ta' April 2002) l-Qorti nnutat illi:

*"f'"Emanuel Cardona et vs Dr. Graham Busuttil et" (10 ta' Jannar 1995, Vol. LXXIX.II.239) il-Qorti tal-Appell tenniet li ma hijiex tenuta taddotta sistema ta' likwidazzjoni*

*partikolari u f'certi kazi d-diskrezzjoni tal-Qorti jimla' dak il-vojt li thalli l-istess ligi."*

Illi fir-rigward tal-frekwenza u x-xorta tas-servigi rezi, fil-kaz in ezami rrizulta illi l-attrici rendiet servigi lir-Reverendu Joseph Caruana ghal madwar 47 sena, li ndubbjament huwa zmien twil hafna. Irrizulta illi f'dan iz-zmien l-attrici qdiet lill-istess Reverendu b'mod kontinwu f'kull ma kien jehtieglu. Kif gia msemmi, l-attrici kienet *inter alia* tahsillu w tghaddilu l-hwejjeg, tnaddaflu, ssajjarlu, tqum kmieni biex tlestilu l-ikel ghall-gurnata, tixtrilu l-ikel kuljum u anke l-medicini.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici waqfet tahdem bil-lejl sabiex tiehu hsieb lir-Reverendu w meta kien ikun ma jiflahx kienet tieqaf mix-xoghol sabiex toqghod mieghu w ukoll li hija hallset ghall-ikel u l-medicini tar-Reverendu w ma jirrizultax li giet rimborsata ghal tali spejjez. Illi ghalkemm ir-Reverendu baqa' attiv sa l-ahhar gurnata ta' hajtu w ma kienx *'bed ridden'* u allura ma kienx totalment dipendenti fuq l-attrici, jirrizulta li minhabba li kellu l-pressjoni kien jehtieglu jiekol ikel bla melh u ghalhekk l-attrici kienet tipprepara ikel specjalment ghalih. Jirrizulta wkoll illi kienet tithanlu l-ikel minhabba li ma setax jiekol sew. Ghalhekk jista' jinghad illi s-servigi rezi mill-attrici kienu jirrikjedu certu impenn u dedikazzjoni da parti taghha.

Illi ghal dak li huma l-mezzi tal-beneficcjarju, jirrizulta illi r-Reverendu kien jithallas mill-kurja u kellu wkoll xi dhul iehor. Mid-denunzja maghmula mill-attrici jirrizulta li r-Reverendu Joseph Caruana kellu mal-mewt tieghu fl-1992 madwar erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) fi flus u kif ukoll xi proprjetajiet immobbli, tal-valur totali, nkluz il-flus imsemmija, ta' Lm16,372.

Illi tenut kont li l-attrici u l-beneficcjajru huma ahwa, u ghalhekk il-grad ta' parentela huwa wiehed strett, kwindi dan inaqqas il-valur tal-kumpens li ghandu jithallas lill-attrici. Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li mid-denunzja a fol. 85 tal-process jirrizulta illi l-attrici hija eredi tal-beneficcjarju fi kwota ta' kwart indiviz.

Illi in vista tat-taghlim hawn fuq citat, tenut kont tax-xorta tas-servigi rezi mill-attrici ghall-perjodu tant twil, tal-beni tal-beneficcjarju, tal-grad ta' parentela bejn l-attrici u l-beneficcjajru u tac-cirkustanzi l-ohra kollha tal-kaz, din il-Qorti thoss li s-somma ta' hmistax il-elf ewro (€15,000) ghandha tkun kumpens adekwat ghall-attrici ghas-servigi rezi lir-Reverendu Joseph Caruana kif hawn fuq deskritt, liema somma ghandha tithallas mill-konvenuti lill-attrici.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja ta' Salvina Caruana u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti nkwantu l-istess huma b'xi mod inkonsistenti ma' dak hawn deciz **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hlas fis-sehem taghhom skont il-ligi, lill-attrici ghas-servigi u prestazzjonijiet rezi lill-mejjet Reverendu Joseph Caruana meta kien haj.

2. Tillikwida l-ammont hekk dovut kif fuq inghad, fis-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000); u

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici l-ammont hekk likwidat ta' hmistax - il elf ewro (€15,000), bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-efffettiv pagament.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------